**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**
*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

26 ta' Marzu, 2023

# Eżerċizzi għall-miżżewġin

## Għeżież koppji,



Il-messaġġ ta' din il-ġimgħa tal-bullettin qiegħed nagħmlu esklussivament għalikom biex nistedinkom tiġu għall-eżerċizzi li se jkollna fis-Sala Parrokkjali ta' Triq Xandriku. Din is-sena dawn l-eżerċizzi se jagħmilhom is-saċerdot **Dun Krystof Buttigieg**.

Din is-sena se jkollna erbat ijiem eżerċizzi, jiġifieri **mit-Tnejn 27 ta' Marzu sal-Ħamis 30 ta' Marzu**. Il-ħin tal-eżerċizzi jkun **mis-7:00pm sat-7:40pm**. Nitlobkom tagħmlu sforz u tieħdu sehem f'dan il-mument li huwa ta' ġid kbir, mhux biss għalikom personalment imma għall-familja kollha tagħkom.

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

**AVVIŻI PURĊISSJONI ĠIMGĦA KBIRA NADUR**

Ma' dan il-bullettin qed jitqassam envelop f'kull dar fil-parroċċa, sabiex min jixtieq jagħti xi donazzjoni għall-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira jkun jista' jagħmel dan. L-envelop jista' jew jingħata lill-Arċipriet jew jintefa' fil-ġabra li ssir waqt il-quddies. Bħal dejjem aħna konvinti mill-ġenerożità tal-poplu Naduri u ta' dan ngħidulkom grazzi bil-quddiem. Iżda l-isbaħ ħlas jingħata lilkom minn Sidna Ġesù Kristu li l-passjoni tiegħu l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tirrakkonta b'mod viżwali.

**FJURI TAL-VARI**

Bħas-snin l-imgħoddija l-vari tal-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ser jiġu mżejna bil-fjuri friski. Ovvjament din hija spiża mhux żgħira u għalhekk ser terġa' tkun il-ġenerożità tagħkom li bħas-soltu tgħinna sabiex inkopru parti minnha.

Għalhekk min jixtieq jikkontribwixxi billi jħallas il-fjuri ta' xi vara partikulari jew b'xi donazzjoni oħra, huwa mitlub li javviċina lill-Arċipriet, xi saċerdot jew xi membru tal-Kumitat Purċissjoni Ġimgħa l-Kbira.

**L-AVVIŻI:**

**TIBDIL FIL-ĦIN TAL-QUDDIES:** minn nhar it-Tnejn 27 ta' Marzu, il-quddiesa li qabel kienet fis-6:30pm issa se tibda ssir fis-7:00pm. Dan jgħodd għall-istaġun tas-sajf.

**LAQGĦA GRUPP PATRI PIJU:** huwa ħin ta' talb bir-rużarju waqt l-adorazzjoni u wara l-quddiesa. Huwa l-qaddis tal-pjagi li jgħinna kif fit-toqol tat-tbatija u l-mard nibqgħu sħaħ fil-fidi fi Kristu. Nhar it-Tnejn, 27 ta' Marzu, fl-4:30pm fil-kappella tas-Sorijiet.

**ĦINIJIET ĠODDA MUSEUM SUBIEN:** minn nhar it-Tnejn 27 ta' Marzu, il-lezzjonijiet tas-subien ser ikunu hekk:
**Għat-tfal primarja:** mis-6:45pm sas-7:15pm. Il-grawnd jinfetaħ fis-6:15pm
**Għall-istudenti tas-sekondarja:** mis-7:45pm sat-8:15pm. Il-grawnd jinfetaħ fis-7:15pm.
Il-passiġġata nhar ta' Ħadd għall-istudenti tas-sekondarja tkun fit-3:00pm.

**PELLEGRINAĠĠ GĦAL TA' PINU:** organizzat mill-NTYC għall-istudenti, il-familji u l-ħbieb tagħhom nhar il-Ġimgħa 31 ta' Marzu. Nitilqu bil-mixi mill-pjazza tan-Nadur fis-7:00am. Ikun hemm trasport provdut lura minn Ta' Pinu.

**SIEGĦA ADORAZZJONI:** bi tpattija lill-Qalb bla Tebgħa ta' Marija u għall-konverżjoni tal-midinbin. Din ser issir fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù, nhar is-Sibt l-1 t'April fit-8.15am. Kulħadd hu mistieden.

**"OUTREACH" FIR-RANDAN FIN-NADUR:** kif konna avżajna ftit tal-ġimgħat ilu, bħala parti mill-Pjan Pastorali ta' din is-sena, ser isir 'outreach' fil-bars u każini tal-irħula. Ser nagħtukom xi dati li ser isiru fir-raħal tagħna. Tkun ħaġa sabiħa jekk wieħed ikun jista' jattendi. Id-djoċesi ħejjiet tifkira għal kull min ser ikun preżenti. Ser jingħataw aktar dati f'avviż ieħor.
**Nhar il-Ħadd 26 ta' Marzu:**
Mill-10:30am sal-11:30am - Każin tal-futbol
Fis-2:30pm f'Tal-Boċċi f'San Blas
**Nhar il-Ħadd 2 ta' April:**
Mill-10:30 sal-11:30am - Rabokk

**Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; **7:00pm (27/3/2023)**
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am